**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit); M.A. (Melit).**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2021**

**Talba Nru: 389/2019PM1**

**Victor Farrugia (ID 182261(M))**

**V.**

**Joshua Pirotta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma ta' tlett elef, tmin mija u tletin euro (€3830) rapprezentanti danni allegatament sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' xoghol hazin imwettaq mill-konvenut, liema xoghol ma kienx skont is-sengha u l-arti u mhux tal-kwalita` patwita.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 29 ta' Jannar, 2020 permezz ta' liema l-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata legalment u fattwalment u kwindi ghandha tigi respinta ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-art. 2153 Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Ix-xoghol ezegwit mill-attur (sic) sar skont kif titlob is-sengha u l-arti.
3. L-allegata hsara giet kawzata se mai per konsegwenza tal-agir negligenti tal-istess attur li ghabba l-madum b'piz zejjed mhux mahsub ghal dak l-iskop.
4. B'rizerva li jittressqu risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

   Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-konvenut datata 28 ta' Settembru, 2020 b'anness maghha l-affidavit tieghu u diversi dokumenti.

Sema' x-xhieda tal-partijiet waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2020.

Ra n-nota tal-attur datata 11 ta' Dicembru, 2020 u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduti tal-15 ta' Jannar, 2021 u tat-22 ta' Jannar, 2021.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum limitatament dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob is-somma ta' tlett elef, tmin mija u tletin euro (€3830) rapprezentanti danni allegatament sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' xoghol hazin imwettaq mill-konvenut, liema xoghol ma kienx skont is-sengha u l-arti u mhux tal-kwalita` patwita. L-intimat eccepixxa preliminarjament li t-talba odjerna hija preskritta a tenur tal-art. 2153 tal-**Kodici Civili**.

Illi skont is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet jirrizulta li, fir-rigward l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni il-partijiet la qeghdin jaqblu dwar it-

terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami u lanqas dwar il-*punctum temporis* li minnu beda jiddekorri t-terminu preskrittiv applikabbli.

Illi jehtieg illi allura t-Tribunal jiddetermina, fl-ewwel lok, jekk l-artikolu citat mill-konvenut huwiex effettivament dak li jirreferi ghat-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi mill-aspett prettament fattwali, mill-provi prodotti, irrizulta kjarament li l-mertu tal-azzjoni odjerna huwa kostitwit mill-appalt moghti mill-attur lill-istess konvenut. F'dan ir-rigward l-attur xehed li l-ewwel kien kellem lil hu l-konvenut imma dan issuggerielu li jkellem lill-konvenut. Huwa ghamel hekk u "(k)*ien Joshua Pirotta li ghamel ix-xoghol u jiena hallast direttament lil Joshua wkoll.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2020).

Il-konvenut ukoll jikkonferma, tramite l-affifdavit tieghu,: "*Illi huwa minnu li Victor Farrugia kien qabbadni ix-xoghol ta' tqeghid ta' madum gewwa l-garage tieghu fl-indirizz indikat f'din il-kawza*" u mbaghad ukoll in kontro-ezami li: "*Naqbel illi kien Victor Farrugia li lili nkarigani sabiex naghmel ix-xoghol tal-madum fil-garaxx.*". Fil-fatt, minkejja li waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm tieghu, l-avukat tal-konvenut prova jallega li japplika ghall-kaz in ezami t-terminu preskrittiv ghal danni naxxenti minn hsarat mhux kagunati b'reat anke ghaliex l-attur ma kienx ingaggja lill-konvenut sabiex iwettaq tali appalt, hija x-xhieda tal-istess konvenut li tgiddeb tali sottomissjoni. Fil-fatt l-istess konvenut lanqas ma eccepixxa f'dawn il-proceduri li huwa mhux il-legittimu kuntradittur jew ghamel xi tentattiv iehor sabiex anke a tenur tar-Regolament 6 tar-Regoli dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jiddikjara li l-persuna li ghandha tigi ritenuta responsabbli fil-konfront tal-attur hija huh u kwindi jghaddi sabiex, kif indikat fl-istess regolament, jinnotifikah bl-atti.

In materja legali jinghad li, ai fini tal-konkluzjoni tal-kuntratt t'appalt, m'hijiex necessarjament mehtiega il-forma skritta (ara f'dan is-sens dak deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza taghha datata 29 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet **Victor Portelli v. Mark Psaila** b'referenza ghall-art. 1233(1) tal-**Kodici Civili**).

Konsegwentement, minghajr ma jinoltre ruhu fil-mertu tal-azzjoni odjerna, it-Tribunal isib li, skont il-provi prodotti, huwa effettivament inkontestat li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija dik naxxenti mill-kuntratt t'appalt *ex admissis* konkluz bejniethom. Jinkombu issa fuq it-Tribunal li jiddetermina jekk it-terminu preskrittiv citat mill-konvenut huwiex dak applikabbli meta min jaghti x-xoghol jallega li x-xoghol hekk imwettaq m'huwiex skont l-arti u s-sengha u/jew skont il-kwalita` patwita u kwindi kkawza dannu.

Illi f'dan ir-rigward jinsab deciz mill-Qrati Taghna li:

> *L-appaltatur huwa obbligat li jikkonsenja xoghol skond is-sengha tieghu u tajjeb ghall-uzu li hu previst. Hu responsabbli ghar-rizultat li jaghti u hu ghandu obbligu jara li r-rizultat ikun sodisfacjenti ghall-kommittent.*
>
> ***Ir-relazzjoni bejn is-sid u l-kuntrattur hija wahda kontrattwali, bil-preskrizzjoni ghad-danni tkun dik generali ta' hames snin****, u b'obbligu tal-kuntrattur li jaghmel tajjeb ghad-danni jekk jirrizulta li hu ma wettaqx ix-xoghol li gie inkarigat jaghmel kif trid is-sengha ta' dak ix-xoghol partikolari.*
>
> *L-appaltatur jibqa' responsabbli anke jekk jikkonsenja x-xoghol li jigi ezaminat u accettat, aktar u aktar meta d-difetti ma jkunux immedjatament apparenti.* (**DIR GENERALI TAX-XOGHOLIJIET PUBBLICI vs AZZOPARDI CHARLES** deciz mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju, 2003 – enfazi mizjuda).

Hekk ukoll gie deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **MUSCAT LOUIS vs BORG AIC ANTHONY ET** fil-5 t'Ottubru, 2001:

> ***Hija kawza bbazata fuq kuntratt ta' appalt u ghall-fini ta' perijodu preskrittiv japplika allura l-artikolu 2156 (f) – dak jigifieri ta' hames snin. Dan il-perijodu jibda jiddekorri minn***

***dakinhar li azzjoni ta' din ix-xorta setghet tigi ezercitata. Dan ifisser li f'dan il-kaz, il-hames snin bdew jiddekorru minn meta l-attur sar jaf bil-hsara li lmenta dwar min xtara l-post minghandu u mhux invece minn dakinhar li gew konfermati l-hsarat.***" (enfazi mizjuda)

Kif sew sottomess mill-avukat tal-attur, l-istess principju gie wkoll ribadit, fost ohrajn, f'decizjonijiet ohrajn bhala dawk fl-ismijiet **Selvagi v. Borg** (App. Inf. 9 ta' Jannar, 2008) u **Agius v. Magro** (App. Inf. 6 ta' Frar, 2008).

Illi fil-kaz in ezami huwa inkontestat li l-appalt gie terminat f'Lulju tas-sena 2017 (f'dan is-sens l-affidavit tal-konvenut). L-attur xehed li huwa beda juza l-garaxx ghall-vetturi bejn sitt xhur u tmien xhur wara (f'dan is-sena xhieda moghtija minnu fid-9 ta' Dicembru, 2020). Il-kawza giet istitwita fit-18 ta' Dicembru, 2019 u kwindi huwa ampjament car li l-azzjoni odjerna ma tistax tigi ritenuta preskritta anke ghaliex, skont il-kazistika hawn fuq citata, lanqas huwa applikabbli ghall-kaz odjern l-artiklu citat mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut li l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-art. 2153 tal-**Kodici Civili** billi jichad l-istess bl-ispejjez relativi ghal tali eccezzjoni jigu sopportati mill-istess konvenut u jordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**